## IL-MIXJA LEJN IĊ-ĊENTINARJU

# L-1980 – Il-festi li saru f'għeluq-il 75 sena mill-Inkurunazzjoni

**Kitba ta' Spiro Gilford**

F'għeluq il-75 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari fil-Parroċċa tagħna, ma setax jonqos li l-qalb Bormliża ma tfurx bl-imħabba lejn din l-Omm Ħanina tagħna, u ma tesprimix din l-imħabba u ferħ b'ċelebrazzjonijiet esterni. Bejn Ġunju u Diċembru 1980, saru diversi funzjonijiet liturġiċi biex ifakkru dan l-avveniment. Kienu sitt xhur li fihom rajna fostna diversi pellegrinaġġi minn Parroċċi Marjani u minn dawk tal-Kottonera kif ukoll minn enti oħra reliġjużi.

**Ftuħ tal-Festi**
L-Erbgħa, 25 ta' Ġunju, bdew il-festi ġubilari b'konċelebrazzjoni mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Ħadu sehem madwar 50 saċerdot inkluż ir-Rev. Kapitlu u żewġ Djakni. Wara Mons. Arċisqof ħareġ fuq iz-zuntier flimkien mal-konċelebranti u wara diskors qasir, kixef lapida kommemorattiva mal-faċċata tal-knisja li tesprimi l-imħabba tal-poplu Bormliż lejn Marija Immakulata fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni (1905) u tat-tqegħid ta' l-Istillarju (1955) fost l-applawsi tal-folla preżenti. Fit-Tarzna, fl-12.10p.m. saret quddiesa għall-ħaddiema minn Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Il-Kummissjoni Stampa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali qassmet kartolina bil-kulur ta' l-Istatwa Titulari lil kull familja residenti f'Bormla.



**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr**
F'Lulju saret funzjoni Marjana, li kienet organizzata mid-Direttorju Parrokkjali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Bormla. F'Awissu rajna l-bidu tas-Sibtijiet tal-Kunċizzjoni u l-bidu ta' sensiela ta' pellegrinaġġi li ġew fostna minn diversi parroċċi Marjani. Fil-quddiesa ta' l-Ewwel Sibt, il-Kanonċi Ġużeppi Bonello u Gustavo Barbara, qaddsu quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'egħluq il-25 sena tas-Saċerdozju tagħhom. Wasal ukoll fostna l-ewwel pellegrinaġġ li ġie mill-parroċċa ta' San Ġwann (L-Imsieraħ).

**Il-Pellegrinaġġi**
Bejn Settembru u Novembru komplew jaslu kull ġimgħa l-pellegrinaġġi. Il-Parroċċi li ġew fostna kienu Fgura, Balluta, Ħal Tarxien, Vittoriosa, Żabbar, Qrendi, Ħal Balzan, Fleur de Lys, Sliema (Sacro Cuor), Ħamrun (Kunċizzjoni) u Senglea. Is-Sorijiet Franġiskani organizzaw pellegrinaġġ biex jiċċelebraw il-100 sena mill-miġja tagħhom fil-Gżejjer Maltin, kif ukoll saret ġimgħa ta' attivitajiet organizzata mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. biex jiċċelebraw l-ewwel ċentinarju tat-twelid ta' Dun Ġorġ Preca, Fundatur ta' l-istess Soċjetà.

**Il-Ġranet tas-Salve u tan-Novena**
Minħabba liġijiet li kienu jipprevalu fil-pajjiż, dik is-sena l-festa kellha tiġi ċċelebrata l-Ħadd, 7 ta' Diċembru. Għalhekk, l-Ewwel Salve sar fis-27 ta' Novembru u l-għada bdiet in-Novena li dik is-sena ġiet ippriedkata mill-Kan. Prepostu Ġużeppi Bonello. Kienet Novena kkaratterizzata minn maltemp kontinwu u kesħa fina. Il-funzjonijiet tas-Salve kienu ddedikati lil diversi kategoriji tal-Komunità u l-ewwel ġurnata kienet iddedikata lis-Seminarju u lin-Novizzi Reliġjużi. Attendew

*Ikompli f'paġna 19*

*Jaqbad minn paġna 17*

## F'GĦELUQ IL-75 SENA MILL-INKURUNAZZJONI

madwar 120 bejn Seminaristi u Sorijiet Novizzi, Dumnikani, Agostinjani, Franġiskani u Ursolini. Bqajna sejrin hekk tul il-ġranet tas-Salve b'funzjonijiet iddedikati lill-familji li kellhom tarbija matul l-1980, lill-morda u anzjani, lit-tfal, lill-għaqdiet tal-Parroċċa, lir-Retturi tas-Santwarji Marjani, filwaqt li nhar il-Ħamis, 4 ta' Diċembru, saret Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-Presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Dr. Anton Buttigieg, President tar-Repubblika ta' Malta. Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla tmexxiet mis-Surmast Carmelo Ciantar bil-parteċipazzjoni tal-Kor Tota Pulchra taħt it-tmexxija tas-Surmast Walter Tonna.



*Il-folla fuq iz-zuntier tassisti għall-kxif ta' lapida kommemorattiva.*

**It-Translazzjoni Solenni**

Kien tħabbar minn qabel li biex imexxi ċ-ċelebrazzjonijiet ġubilari kellu jiġi l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli. Però minħabba ċirkustanzi li ma kellux kontroll fuqhom, huwa kellu jħassar iż-żjara tiegħu fostna.

B'azzjoni spontanja mir-Rev. Kapitlu ġie kkuntattjat l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Dumnikan Mario Luigi Ciappi li aċċetta li jiġi fostna biex imexxi dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-Kardinal wasal Malta għall-ħabta tas-1.00p.m. nhar is-Sibt, 6 ta' Diċembru u filgħaxija ġie mwassal sas-Santwarju minn Pjazza Paolino Vassallo fejn wara l-ingress tiegħu mexxa t-Translazzjoni Solenni. L-għada, jum il-festa, l-Emm. Tiegħu mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni li fiha niseġ il-paniġierku r-Rev. Monsinjur Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali. Filgħaxija għall-ħabta tas-6.15p.m. l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Ciappi mexxa l-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Marija Immakulata, però, meta l-purċissjoni waslet quddiem il-Konservatorju San Ġużepp, (illum id-Dar ta' l-Anzjani), l-Emm. Tiegħu ħalla l-purċissjoni li tkompliet mir-Rev. Kan. Ġużeppi Portelli. Il-purċissjoni daħlet lura fis-Santwarju għall-ħabta tal-10.45p.m.

**Il-Festa Liturġika ta' Marija Immakulata**

L-għada t-Tnejn, 8 ta' Diċembru, festa liturġika ta' Marija Immakulata, fis-6.00p.m. saret konċelebrazzjoni oħra mmexxija minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca, u wara tkanta t-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla f'għeluq is-Sena ta' Tiġdid Marjan li saret f'Malta bejn it-8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompej u t-8 ta' Diċembru, festa ta' Marija Immakulata. Bħala turija ta' mħabba lejn Marija Immakulata, Monsinjur Arċisqof poġġa f'wieħed mis-swaba ta' l-istatwa titulari, ċurkett tad-deheb mirqum b'ħaġar prezzjuż fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti fis-Santwarju. Hekk ingħalqu dawn il-festi ġubilari li wrew għal darb'oħra li Bormla u Marija Immakulata ħadd ma jista' jifridhom.




TOPS 'N' TAILS

YOU BOTH DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.

TO LOOK SMART AND ELEGANTLY DRESSED, WHY NOT VISIT US FOR WIDE SELECTIONS OF TAILS, DINNER JACKETS, HOLY COMMUNION AND CONFIRMATION SUITS.

COLOURED SUITS ALSO AVAILABLE AT:

51, Marina Street, Pietà.

Telephone: 2123 5666 • Fax: 2122 7110

NO CONNECTION WITH ANY OTHER FIRM